

Brussell, 22 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13480/26

UD 258
ENFOCUSTOM 113
FISC 310
ECOFIN 1206
MI 922
COMER 136
TRANS 575
RESPR 39
DELECT 155

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6694 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.9.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 6694 final.

Mehmuż: C(2026) 6694 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.9.2026
C(2026) 6694 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 21.9.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni**

{SWD(2026) 283 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan l-Att Delegat jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni. It-tariffa ta' trattament tal-Unjoni għandha tikkorrispondi għall-kostijiet approssimattivi li jridu jiġġarrbu biex jitwettqu l-attivitajiet kollha meħtieġa marbutin mill-qrib mas-superviżjoni doganali bil-ħsieb li l-merkanzija mibjugħa permezz ta' bejgħ mill-bogħod tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera. It-tariffa ta' trattament tal-Unjoni għandha tinkludi l-kostijiet stmati kollha li direttament u indirettament iridu jiġġarrbu biex jitwettqu l-attivitajiet ta' kklerjar u mill-inqas il-kostijiet relatati mal-azzjonijiet li ġejjin imwettqin mill-awtoritajiet doganali: il-ġbir, l-ipproċessar u l-verifika tad-data tal-operazzjonijiet, it-twettiq ta' analiżi tar-riskju, iċċekkjar, analiżi u verifiki, id-disponibbiltà tal-infrastruttura rilevanti inkluż il-finanzjament tagħha u t-twettiq ta' kontrolli, inklużi s-servizzi kollha relatati li tagħti l-Awtorità doganali tal-UE.

Skont l-Artikoli 20(4) u 287(5) tar-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Kodiċi), mill-1 ta' Lulju 2028 se tibda tapplika tariffa oħra ta' trattament tal-Unjoni għall-merkanzija rilaxxata wara li tkun tqiegħdet f'maħżen doganali għall-bejgħ mill-bogħod. Peress li sa dak iż-żmien is-sitwazzjoni tal-kostijiet u tal-fluss tal-merkanzija rilevanti tista' tvarja, dan l-att delegat għadu ma jistabbilix l-ammont tat-tariffa ta' trattament li tapplika għall-merkanzija maħżuna fl-imħażen doganali għall-bejgħ mill-bogħod.

Sabiex tistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet li ġarrbu l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, u l-evoluzzjoni fil-volum tal-oġġetti b'valur li ma jaqbiżx il-EUR 150 u rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, peress li din hi l-aħjar indikatur għall-istima tal-ammont ta' merkanzija mibjugħa permezz ta' bejgħ mill-bogħod. Dan hu approċċ konservattiv peress li ma jitqiesx il-bejgħ mill-bogħod ta' valur li jaqbeż il-EUR 150, minkejja li huwa wkoll soġġett għat-tariffa ta' trattament. It-tariffa ta' trattament tal-Unjoni trid tkopri l-kostijiet stmati kollha li jridu jiġġarrbu direttament u indirettament għas-servizzi mogħtija mill-awtoritajiet doganali.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar dan l-abbozz ta' att delegat mal-Istati Membri permezz ta' laqgħat tal-gruppi ta' esperti (Grupp ta' esperti għar-riforma doganali).

Il-Kummissjoni qieset b'mod attiv il-kummenti kollha riċevuti matul dan l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni, u, sa fejn kien possibbli, inkludiethom fil-verżjoni pprovduta hawnhekk.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan ir-Regolament tinsab fid-delega tas-setgħa fl-Artikoli 20(10) u 282 tal-Kodiċi.

Prinċipju tas-sussidjarjetà

L-att delegat jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Prinċipju tal-proporzjonalità

Mil-lat ta' proporzjonalità, dan ir-Regolament jirrispetta l-limiti tas-setgħat mogħtija mill-koleġislaturi.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.9.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2026/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(10) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2026/2108 jistabbilixxi tariffa ta' trattament tal-Unjoni applikabbli fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Dik it-tariffa għandha tikkonsisti f'ammont fiss għal kull oġġett għas-servizzi li jingħataw għat-trattament ta' talba biex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera meta dik il-merkanzija tinbiegħ permezz ta' bejgħ mill-bogħod lil klijent fit-territorju doganali tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, li jinkludi klijent f'dawk il-partijiet tat-territorju doganali fejn ma japplikawx id-Direttivi tal-Kunsill 2006/112/KE² u (UE) 2020/262³ (territorji fiskali speċjali).
- (2) Skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2026/2108, l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni jrid jikkorrispondi għall-kostijiet approssimattivi tas-servizzi mogħtija, b'mod partikolari, il-kost tal-verifika tad-data, l-analiżi tar-riskji, il-kontrolli u l-infrastruttura rilevanti, inkluż is-servizzi rilevanti mogħtija mill-Awtorità Doganali tal-UE. Dawn il-kostijiet iridu jiġu stabbiliti f'rapport li jrid jitfassal mill-Kummissjoni kull sentejn f'konformità mal-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2026/2108. Dak ir-rapport hu meħtieġ biex jiġi żgurat li l-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni jirrifletti l-kostijiet approssimattivi mġarrba mill-awtoritajiet doganali, u b'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tirrieżamina u taġġusta l-livell tat-tariffa perijodikament.
- (3) Għas-sentejn li ġejjin, l-ewwel rapport tal-Kummissjoni li jkopri l-perjodu 2026–2028 jinkludi stimi tal-kostijiet kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni fir-rigward tas-sistemi doganali diġitali, kif ukoll il-proporzjon tal-persunal doganali li jittratta l-ikklerjar, il-kontrolli doganali, l-awditi ta' wara r-rilaxx u l-proċessi, sa fejn jiġu assenjati li jiċċekkjaw id-data, jagħmlu l-analiżi tar-riskju u jwettqu l-kontrolli doganali meħtieġa fuq il-merkanzija mibjugħa permezz ta' bejgħ mill-bogħod. L-Istati Membri jridu wkoll jinvestu f'taġġmir tal-kummerċ elettroniku wara s-sejthiet għal għotjiet tal-Unjoni għall-finanzjament tat-taġġmir doganali. Dan il-finanzjament tal-Unjoni hu inkluż fl-istima tal-kostijiet. Min-naħa l-oħra, il-kostijiet li jridu jitqiesu ma jinkludux l-investiment tal-Istati Membri fl-infrastruttura tal-kontrolli ffinanzjat

¹ [Daħħal referenza sħiħa, ĠU L , , p. .

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj>).

esklużivament mill-baġit nazzjonali jew il-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq waqt li jwettqu l-iċċekkjar tal-konformità fuq il-merkanzija li tidħol fis-suq tal-Unjoni meta dawh l-awtoritajiet ma jkunux qed jaġixxu bħala awtorità maħtura skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴. Il-valutazzjoni tal-elementi tal-kostijiet titqies bħala moderata għaliex hi bbażata fuq suppożizzjonijiet konservattivi. Barra minn hekk, l-ammont tat-tariffi jenħtieġ li jkun ibbażat fuq id-data storika kif ukoll fuq l-aktar data riċenti disponibbli. Bl-istess mod, saret projezzjoni raġonevoli u kemm jista' jkun possibbli tal-volum ta' merkanzija importata permezz tal-bejgħ mill-bogħod mistennija fis-snin li ġejjin. Abbażi ta' dan, tariffa ta' trattament tal-Unjoni ta' EUR 2 għal kull oġġett titqies proporzjonali mal-kostijiet approssimattivi marbutin mill-qrib mas-superviżjoni doganali ta' tali merkanzija.

- (4) L-Artikolu 287(4) tar-Regolament (UE) 2026/2108 jistabbilixxi li t-tariffa ta' trattament tal-Unjoni trid tapplika minn 10 ijiem wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-ammont tagħha. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali u koerenza huwa għalhekk meħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi allinjata ma' dak ir-rekwiżit. Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament japplika mingħajr dewmien u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-applikazzjoni tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u japplika fl-għaxar jum wara d-dħul fis-seħħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni

L-ammont tat-tariffa ta' trattament tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2026/2108 għandu jkun EUR 2 għal kull oġġett.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data li tikkorrispondi għall-“għaxar jum wara d-dħul fis-seħħ/id-data tal-pubblikazzjoni”].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1020/oj>).

Magħmul fi Brussell, 21.9.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN